MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 48/2004

**Avv. Roderick Zammit Pace bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta' estera PZ Cussons (UK) Limited gia Cussons (UK) Limited**

**Vs**

**Euro Chemie Products Limited Reg Nru C5627**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf disa' mija u tlieta u disghin Lira Sterlina u sitta u erbghin pence (GBP27,993.46) rapprezentanti bilanc ta' prezz u merkanzija, konsistenti f'"soap base" u kimici ohra, mibjugha u kkonsenjati lilha fuq ordnijiet taghha stess, kif

jidher mill-prospett hawn anness bhala Dok. “A”, mill-invoices tas-socjeta’ attrici numri 38021650, 38021660, 38022280, 38022290, 38022300, 38022310, 38024310, 38024320, hawn annessi bhala Dok. “B1 – B8” rispettivament kif ukoll mill-poloz tal-inkariku relattivi li kopji taghhom huma hawn annessi bhala Dok. “C1- C8” rispettivament;

Premess illi permezz ta’ ittra tal-15 ta’ frar 2001 (Dok.”D”), is-socjeta’ konvenuta ammettiet li hija d-debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ GBP 31,916.94;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta permezz ta’ ittra tas-26 ta’ Marzu, 2001 (Dok. “E”) accettat illi thallas l-ammont dovut minnha skond skeda ta’ pagamenti mensili u bl-imghaxijiet relattivi bir-rata ta’ 8% fis-sena (Dok. “F”) u ghamlet pagament ta’ GBP3,923.48 fl-4 ta’ Lulju, 2001 (Dok. “G”) biex b’hekk is-somma originarjament dovuta ta’ GBP 31,916.94 (skond il-prospett anness bhala Dok. “A”) giet ridotta ghal GBP 27,993.46;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tkompli tonora l-pagamenti minnha dovuti kif miftiehem;

Premess illi l-imghaxijiet fuq is-somma kapitali ta’ GBP 27,993.46 bir-rata ta’ 8% fis-sena mill-4 ta’ Lulju, 2001 sal-4 ta’ Lulju, 2003 jammontaw ghal GBP 4,478.95 (ekwivalenti ghal Lm20,169.20 ghoxrin elf mija u disa’ u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu)

Premess illi l-istess socjeta’ konvenuta gie interpellat diversi drabi, anke permezz ta’ ittra ufficjali tal-15 ta’ Dicembru 2003 biex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont minnha dovut, izda din xorta baqghet inadempjenti;

Premess illi d-dejn tas-socjeta’ konvenuta fil-konfront tas-socjeta’ attrici huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici s-socjeta’ konvenuta m’ghandha l-ebda eccezzjoni valida x’taghti kontra din l-azzjoni;

Premess illi ghall-finijiet ta’ l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) “et sequitur” tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u

Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) qieghed jigi hawn anness affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici u mmarkat bhala Dok. "H";

Tghid is-socjeta' attrici ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 – 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici ghas-somma ekwivalenti, fid-data tas-sentenza, f'liri Maltin ta' GBP 32,472.41 rapprezentanti in kwantu ghal GBP 27,993.46 bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha fuq ordnijiet taghha stess u in kwantu ghal GBP 4, 478.95 imghaxijiet fuq is-somma kapitali ta' GBP 27,993.46 oltre l-imghaxijiet ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena mil-4 ta' Lulju, 2003 sad-data tal-hlas effettiv; u

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ekwivalenti fid-data tas-sentenza f'Liri Maltin ta' GBP 32,472.41, rapprezentanti in kwantu ghal GBP 27,993.46 bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha fuq ordnijiet taghha stess u in kwantu ghal GBP 4,478.95 imghaxijiet fuq is-somma kapitali ta''GBP 27, 993.46 oltre l-imghaxijiet ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena mill-4 ta' Lulju, 2003 sad-data tal-hlas effettiv;

4. Tordna l-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2003, kontra s-socjeta' konvenuta, li r-rapprezentanti taghha jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attur nomine.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici.

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-ammont ta’ tnejn u tletin elf erba’ mija tnejn u sebghin Lira Sterlina u wiehed u erbghin pence (GBP32,472.41) ekwivalenti ghal ghoxrin elf mitejn u tnejn u erbghin lira maltija u tnax il-centezmu (Lm20,242.12) skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, bl-imghax mill-4 ta’ Lulju, 2003 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------